# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 12 ta’ 2022, miżmuma nhar il-15 ta’ Settembru 2022, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u sbatax-il minuta ta’ filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

- Clifford Galea Vella — President
- Alfred Grima — San Pawl il-Baħar LC — Membru
- Paul Vella — Mġarr LC — Membru
- Stefan Cordina — Ħ’Attard LC — Membru
- John Buttigieg — Mellieħa LC — Membru
- Kyle Mifsud — Mtarfa LC — Membru
- Chris Grech — Mosta LC — Membru
- A.M.Muscat Fenech Adami — Naxxar LC — Viċi President
- Trevor Fenech — San Ġwann LC — Membru
- Stephen Gatt — Ħal Balzan LC — Membru Delegat

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Preżenti wkoll kien hemm id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Kristina Camilleri

Membri Skużati: Kulħadd preżenti



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

1. AĠENDA

12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;Komunikazzjoni tal-President;
12.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri;
12.4 Kumunikazjoni
12.5 Rapporti;
12.6 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Regjonali li jkunu meħtieġa;
- 12.7.1 Waste Tender - update
- 12.7.2 Courses – update
- 12.7.3 Waterford Cultural Visit – update
- 12.7.4 Turkey Cultural Visit – update
- 12.7.5 Brussels Visit
- 12.7.6 CCTV
- 12.7.7 Benches
- 12.7.8 Access Cities
- 12.7.9 Press conference – Libraries
- 12.7.10 Konsultazjoni Strategija Nazzjonali ghal-Kunsilli Lokali
- 12.7.11 Milied Skema Reġjun
- 12.7.12 Video documentary proposal
- 12.7.13 Bank mandate j

12.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
12.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

Il-Laqgħa nfetħet fis-18:00 mil-President, is-Sur Clifford Galea Vella.

Angelo Micallef u Anne Marie Muscat Fenech Adami waslu fis-18:05hrs

## - Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

Kulħadd preżenti.

## - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgħa numru 11 miżmuma fit-3 t'Awwissu 2022 ittieħdu bħala moqrija. Clifford Galea ippropona li jkunu approvati u John Buttigieg issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Punti Mqajma:

### Komunikazzjoni mil-President

Il-President Clifford Galea qal li pparteċipa u ta donazzjoni personali għan-nom tar-Reġjun fl-okkażjoni tal-preżentazzjoni t'għajnuna lil-President ta' Malta imtella' ġewwa n-Naxxar bħala parti mill-festa tal-Vitorja. Huwa qal li l-Eċċellenza tiegħu il-President ta' Malta irringazzjah personalment kif ukoll wera x-xewqa li jara lir-Reġjun jorganizza xi attivita` li tista tgħin lil Malta Community Chest Fund. Saret diskussjoni u l-President ippreżenta idea tas-Segretarju Eżekuttiv lill-membri fejn propona li tittella' attivita` għad-dilettanti tal-



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

karozzi u tkun qed issir fil-lokalitajiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jesponi iktar l-idea. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li wieħed jista jtella’ Rally għall-karozzi, fejn jintużaw it-torq normali, mingħajr ma jingħalqu toroq. Spjega li jistgħu jarmaw xi special stages f’numru ta’ lokalitajiet, pero` jekk għandu jsir dan, din tittella’ fil-bidu tas-sena d-dieħla. Il-membri qablu mal-proposta tal-President li ssir din l-attivita` u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv jibda jaħdem fuqha, u jżomm lill-membri nfurmati.

Il-President ipropona li għall-għeluq tal-Ewwel Sena bħal Reġjun ġdid issir plakka kommemorattiva ġdida, ġewwa l-Uffiċċju tar-Reġjun.
Il-membri qablu unanimament. Is- Segretarju Eżekuttiv intalab jaħdem fuq din l-okkażjoni.

Waterford – Il-President tkellem dwar iż-żjara li saret mir-Reġjun fil-provinċja ta’ Waterford ġewwa l-Irlanda. Huwa qal li l-membri kienu milqugħin tajjeb ħafna ġewwa Waterford, mis-Sindku John O’Leary, kif ukoll kull fejn mar il-grupp. Qal li beda diskors ta’ ġemellaġġ mas-Sur O-Leary, li wera nteress fil-proposta, u kien talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jaħdem fuq din.
Il-President Clifford Galea rringrazzja lil Arts Council Malta li għamlu din il-mawra possibli. Spjega wkoll li kif kienu hemm kien tkellem mad-Direttur, is-Sinjura Mary Ann Cauchi, fuq proposta konġunta bejn ir-Reġjun u Arts Council Malta. Il-President ippropona li jkun hemm fond għall-kultura li jkun tar-Reġjun imma amministrat mill-Arts Council Malta. Saret diskussjoni fejn ħareġ li l-membri ma qablux ma’ din il-proposta sakemm Arts Council Malta ma tkunx qed toħroġ il-fondi hi wkoll.
Alfred Grima rrimarka fuq il-librerija ta’ Waterford fejn qal li dawn għandhom 12 fil-lokal. Qal ukoll li fil-binja l-ġdida tal-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Baħar ser jipproponi li jkun hemm librerija simili. Paul Vella irrimarka fuq l-involviment tal-komunita`, speċjalment per eżempju fil-mużewijiet, fejn wieħed minnhom hu totalment imwaqqaf minn fuq donazzjonijiet privati. Tkellem ukoll kif tintuża l-komunita` biex tilħaq iktar lill-istess komunita`.

## Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

### – Komunikazzjoni

LESA Fund – Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li propju dakinhar stess kienet waslet korrispondenza u l-proposta ta’ kif il-Kunsilli u r-Reġjun jistgħu japplikaw għall-fondi mil-LESA – liema skema qed tinħadem mal-AKL. Alfred Grima, filwaqt li rringrazzja lil-LESA, qal li jemmen li l-LESA għandha tinvesti dawn il-fondi f’aktar infurzar ambjentali, minħabba l-pjaga li qed tinħoloq fil-lokalitajiet tagħna minħabba l-abbuż ambjentali bħal dak tal-iskart. Is- Segretarju Eżekuttiv intalab ifassal ittra lil-LESA fuq dan. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li din it-tip ta’ proposta għandha titressaq għad-diskussjoni fl-istrateġija nazzjonali.

Enemalta – Id-Direttur Ġenerali kien ikkomunika mar-Reġjun li la draba hemm ftehim iffirmat mill-AKL, m’għandux jinħareġ tender. Alfred Grima qal li l-Kunsill ta’ San Pawl il-Baħar ma kien iffirma l-ebda ftehim la mal-AKL u lanqas mal-Enemalta. Huwa qal li bħala Kunsill kien kiteb lill-AKL biex jara min iffirma dan il-ftehim, kif ukoll min min-naħa ta’ San Pawl il-Baħar awtorizza lill-AKL titkellem għalih. Huwa qal li kien irċieva forma ta’ ritratti

tal-ftehim li sar iżda dan ma kienx b'mod uffiċċjali. Dawn ir-ritratti ntbagħtu lis-Segretarju Eżekuttiv.

Saret diskussjoni fuq dan, u l-membri qablu fuq proposta ta' Angelo Micallef li r-Reġjun jikteb uffiċjalment jitlob kopja ta' dan il-ftehim iffirmat mal-Enemalta.

– Rapporti

– Affarijiet oħra

**BOV Debit Card** – Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta dokumenti tal-bank biex tinħareġ Debit Card għall-użu tal-uffiċċju fuq ismu. Din tkun tista tintuża għal pagamenti online bħal pereżempju xiri ta' biljetti tal-ajru. Il-membri ddiskutew u qablu li din issir. Clifford Galea ippropona li din id-debit card issir. Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat il-mozzjoni. Il-membri qalbu unanimament. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jippreżenta bank statement kull meta din tintuża fil-laqgħa tar-Reġjun li jkun imiss.

Korsijiet: Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li fil-ġimgħat li ġejjin ser jibdew il-korsijiet. Spjega li għal uħud minnhom l-attendenza hija bagħtuta. Alfred Grima qal li bħala Kunsill għandu problema biex jibgħat l-istaff minħabba nuqqas ta' staff. Talab biex il-korsijet isiru filgħaxija. Numru ta' membri qalu li għandhom l-istess problema. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u ser jara li jsiru korsijiet filgħaxija wkoll.

CCTV Budget – Chris Grech ippropona li r-Reġjun iżid il-budget allokat għas-sistema ta' sigurta bil-cameras. Dan għaliex hemm bżonn ta' iktar assistenza f'dan ir-rigward. Il-membri ddiskutew din il-proposta u wara li is-Sur Clifford Galea issekonda il-proposta, il-membri qablu unanimament li jirdupjaw il-fond allokat għal din l-iskema.

Bankijiet. Anne Marie Muscat Fenech Adami proponiet li r-Reġjun jgħin lill-Kunsilli billi jixtri numru ta' bankijiet. Saret diskussjoni u l-membri qablu li għal dawn l-affarijiet hemm skemi apposta mid-DLG. Alfred Grima ippropona li r-Reġjun jgħin lill-Kunsilli fil-Co-Funding ta' din l-iskema u għal dan il-għan jinħoloq fond apposta. Kyle Mifsud issekonda din il-proposta. Il-membri qablu unanimament li jinħoloq co-funding fund ta €50,000.00 (ħamsin elf ewro). Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jikteb lill-membri rigward din l-assistenza.

Riforma Gvern Lokali – Il-laqgħa ta' konsultazzjoni ser issir nhar l-erbgħa 9 ta' Novembru bejn il-5.30pm u s-7.00pm ġewwa s-sala tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi. Is-Segretarju Eżekuttiv infoma lill-membri li kienet intalbet korrispondenza biex tara min ser jattendi u jekk jixtiequx jagħmlu interventi, talab sabiex din tkun



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

imwieġba mill-aktar fis possibli. Hemm ukoll il-bżonn li ssir laqgħa nterna biex jiġi stabbilit x'jixtiequ l-membri.

Skema Milied. Clifford Galea ipropona li għal din is-sena, ir-Reġjun jgħin lill-Kunsilli b' erbgħat elef ewro (€4000) lil kull Kunsill Lokali għall-Milied. Il-Kunsilli ser jużaw dan il-fond kif jaraw li hemm bżonn huma. Alfred Grima issekonda l-proposta. Il-membri kollha qablu unanimament.

Video Documentary – Is-Sur Clifford Galea ippreżenta proposta biex isir dokumentarju hekk kif kien mitkellem aktar kmieni fis-sena. Huwa qal li din il-proposta qed tiproponi 13-il episodju fuq ir-Reġjun, li jsiru fuq medda ta' xhur. Il-membri ddiskutew il-proposta u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv iġib tliet (3) kwotazzjonijiet u jibda l-proċess. Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat il-proposta. Il-membri qablu unanimament.

## Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 153 kienet ippreżentata. John Buttigieg ippropona li tkun approvata. Trevor Fenech issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija.

Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis, 20 ta' Ottubru 2022, fis-sitta ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| ___________________________ | ________________________________ |
| Clifford Galea Vella | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum il-Ħamis, 20 ta' Ottubru, 2022



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt